MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2007

Numru 1337/2006

Il-Pulizija
(Spettur Carmelo Magri)

vs

Emanuel Magro

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat Emanuel Magro detentur ta' karta ta' identita' numru 910651M, akkuzat talli:

Fit-13 ta' Novembru, 2006 fi Triq l-Istiratur Mosta, ikkommetta serq ta' mutur li jaqta' l-gebel tal-marka 'Partner' minn van ta' l-ghamla Renault 54C bin-numru tar-registrazzjoni LAC264 ghad-dannu tad-dirigenti tal-kumpanija 'Philip Agius & Sons Ltd.', liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li ma jeccediex l-elf Lira Maltin u bix-xorta tal-haga misruqa.

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Sar recediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat l-ammissjoni tal-imputat li dwarha insista anke wara li l-Qorti taghtu zmien jirrifletti.

Ikkonsidrat:

L-imputat huwa akkuzat, apparti r-recidiva, ta' serq u ricettazzjoni liema reati huma ghad-eskluzjoni ta' xulxin.

Stante l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata tieghu qeghdha ghalhekk tiddikjarah hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu hlief ghall-akkuza ta' ricettazzjoni.

Ezaminat ir-rapport mhejji mill-ufficjal tal-probation u hadet in konsiderazzjoni l-fatt li l-imputat irritorna r-refortiva u kkopera mal-pulizija.

Tiddeciedi ghalhekk wara li rat l-Artikolu 261(c)(g), 267, 271, 279(a), 280(1), 31, 49, 50, 289(1) u 17 tal-Kap 9 li tapplika l-Artikolu 7 tal-Kap 446 billi tpoggi l-imputat taht il-harsien ta' ufficjal tal-probation ghal zmien sena mill-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------